2025/1422

18.7.2025

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/1422

tas-17 ta' Lulju 2025

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1141 biex jaġġorna l-lista ta' speċijiet aljeni invażivi li huma sors ta' tħassib għall-Unjoni

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar il-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-introduzzjoni u t-tixrid ta' speċijiet aljeni invażivi ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 4(1) u (2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1141 ([2]) jistabbilixxi lista ta' speċijiet aljeni invażivi li huma sors ta' tħassib għall-Unjoni ("il-lista tal-Unjoni"), li għandha tiġi aġġornata kif xieraq, f'konformità mal-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1143/2014.

(2) Abbażi tal-evidenza disponibbli u tal-valutazzjonijiet tar-riskju li twettqu skont l-Artikolu 5(1) tar-Regolament (UE) Nru 1143/2014, ġie konkluż li l-kriterji kollha stipulati fl-Artikolu 4(3) ta' dak ir-Regolament huma ssodisfati għall-ispeċijiet aljeni invażivi li ġejjin: *Acacia mearnsii* [bħala "mearnsi"] De Wild., Pl. Bequaert. 3: 61 (1925), *Acridotheres cristatellus* (Linnaeus, 1758), *Asterias amurensis* Lutken, 1871, *Bipalium kewense* Moseley, 1868, *Brachyponera chinensis* (Emery, 1895), *Broussonetia papyrifera* (L.) L'Hér ex Vent., *Castor canadensis* Kuhl, 1820, *Cervus nippon* Temminck, 1838, *Cherax destructor* Clark, 1936, *Cipangopaludina chinensis* (Gray 1834), *Crassula helmsii* (Kirk) Cockayne, *Delairea odorata* Lem, *Faxonius immunis* (Hagen, 1870), *Marisa cornuarietis* (Linnaeus 1758), *Misgurnus anguillicaudatus* (Cantor, 1842), *Misgurnus bipartitus* (Sauvage & Dabry de Thiersant, 1874), *Mulinia lateralis* (Say, 1822), *Nanozostera japonica* (Ascherson & Graebner) Tomlinson & Posluszny, 2001, *Neogale vison* (Schreber, 1777), *Obama nungara* Carbayo, Álvarez-Presas, Jones & Riutort, 2016, *Platydemus manokwari* de Beauchamp, 1963, *Pycnonotus jocosus* (Linnaeus, 1758), *Reynoutria japonica* Houtt., *Reynoutria sachalinensis* (F. Schmidt) Nakai, *Reynoutria* × *bohemica* Chrtek & Chrtková u *Vespa mandarinia* Smith, 1852.

(3) Għall-ispeċijiet aljeni invażivi kollha msemmija fil-premessa 2, l-elementi kollha stabbiliti fl-Artikolu 4(6) tar-Regolament (UE) Nru 1143/2014 ġew ikkunsidrati kif xieraq.

(4) Bħala riżultat ta' bidliet aċċettati b'mod wiesa' fir-referenzi tan-nomenklatura ta' erba' speċijiet aljeni invażivi li huma sors ta' tħassib għall-Unjoni, jenħtieġ li jinbidlu l-ismijiet jew elementi oħra tan-nomenklatura sħiħa għall-ispeċijiet aljeni invażivi li ġejjin elenkati fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1141: *Eichhornia crassipes*, *Hakea sericea*, *Pennisetum setaceum*, *Tamias sibiricus*.

(5) Meta titqies it-tassonomija li qed tevolvi tal-ispeċi invażiva *Lampropeltis getula*, huwa meħtieġ li jiġi mtenni u ċċarat il-kamp ta' applikazzjoni kif definit fil-valutazzjoni tar-riskju oriġinali li tirfed l-inklużjoni tagħha fil-lista tal-Unjoni. Din il-valutazzjoni tar-riskju tuża r-referenza "*sensu lato*" biex tinkludi b'mod komprensiv l-ispeċi fis-sens tassonomiku usa' tagħha. Sabiex jiġu indirizzati l-iżviluppi tassonomiċi potenzjali u tiġi żgurata kopertura regolatorja robusta, jenħtieġ li s-sottospeċi kkonċernati jissemmew b'mod espliċitu.

(6) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1141 jiġi emendat kif xieraq.

(7) L-ispeċi *Neogale vison* (Schreber, 1777) titrabba għall-produzzjoni tal-pil f'diversi Stati Membri. Sa fejn l-Istati Membri jista' jkollhom jippreparaw applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru 1143/2014, l-inklużjoni ta' dik l-ispeċi fil-lista tal-Unjoni jenħtieġ li tiġi differita sabiex l-Istati Membri jingħataw żmien biex jippreparaw tali applikazzjonijiet qabel ma jidħol fis-seħħ l-elenkar tal-ispeċi.

([1]) ĠU L 317, 4.11.2014, p. 35, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2014/1143/oj.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1141 tat-13 ta' Lulju 2016 li jadotta lista ta' speċijiet aljeni invażivi li huma sors ta' tħassib għall-Unjoni f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 189, 14.7.2016, p. 4, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2016/1141/oj).

(8) Il-ġestjoni tal-ispeċi aljena invażiva *Castor canadensis* Kuhl, 1820, toħloq sfidi sinifikanti f'żoni fejn il-kastur indiġenu *Castor fiber* ([3]) huwa preżenti wkoll minħabba s-similaritajiet bejn iż-żewġ speċijiet. Għalhekk, l-inklużjoni ta' *Castor canadensis* fil-lista tal-Unjoni jenħtieġ li tiġi differita sabiex l-Istati Membri jingħataw żmien biex jadattaw miżuri speċifiċi ta' ġestjoni u leġiżlazzjoni nazzjonali, fejn rilevanti, qabel ma jidħol fis-seħħ l-elenkar ta' *Castor canadensis* Kuhl, 1820.

(9) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 27(1) tar-Regolament (UE) Nru 1143/2014,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1141 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Il-punt (2) tal-Anness għandu jibda japplika mis-7 ta' Awwissu 2027.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Lulju 2025.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

([3]) *Castor fiber* huwa inkluż fl-Anness II tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal- 21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/1992/43/oj).

ANNESS

It-tabella fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1141 hija emendata kif ġej:

(1) kull waħda minn dawn l-entrati li ġejjin tiddaħħal f'ordni alfabetika:

Speċijiet (i)	Kodiċijiet tan-NM għall-eżemplari ħajjin (ii)	Kodiċijiet tan-NM għall-partijiet li jistgħu jirriproduċu (iii)	Kategoriji ta' oġġetti assoċjati (iv)
"*Acacia mearnsii* [bħala "mearnsi"] De Wild., Pl. Bequaert. 3: 61 (1925)	0602 90 48	ex 1209 99 99 (żrieragħ)"	
"*Acridotheres cristatellus* (Linnaeus, 1758)	0106 39 80	ex 0407 19 90 (bajd fertilizzat għall-inkubazzjoni)"	
"*Asterias amurensis* Lutken, 1871	0308 90 10	-	(14), (15)"
"*Bipalium kewense* Moseley, 1868	0106 90 00	-	(5)"
"*Brachyponera chinensis* (Emery, 1895)	0106 49 00	-	(5), (7)"
"*Broussonetia papyrifera* (L.) L'Hér ex Vent.	0602 90 48	ex 1209 99 99 (żrieragħ)"	
"*Cervus nippon* Temminck, 1838	0106 19 00	-"	
"*Cherax destructor* Clark, 1936	0306 39 10	-"	
"*Cipangopaludina chinensis* (Gray 1834)	ex 0307 60 00	-"	
"*Crassula helmsii* (Kirk) Cockayne	0602 90 50	ex 1209 99 99 (żrieragħ)"	
"*Delairea odorata* Lem.	0602 90 50	ex 1209 99 99 (żrieragħ)"	
"*Faxonius immunis* (Hagen, 1870)	0306 39 10	-"	
"*Marisa cornuarietis* (Linnaeus 1758)	ex 0307 60 00	-"	
"*Misgurnus anguillicaudatus* (Cantor, 1842)	0301 99 17	ex 0511 91 90 (bajd fertili tal-ħut għat-tifqis)"	
"*Misgurnus bipartitus* (Sauvage & Dabry de Thiersant, 1874)	0301 99 17	ex 0511 91 90 (bajd fertili tal-ħut għat-tifqis)"	
"*Mulinia lateralis* (Say, 1822)	0307 91 00	-"	
"*Nanozostera japonica* (Ascherson & Graebner) Tomlinson & Posluszny, 2001	1212 29 00	-	(14), (15)"
"*Obama nungara* Carbayo, Álvarez-Presas, Jones & Riutort, 2016	0106 90 00	-	(5)"
"*Platydemus manokwari* de Beauchamp, 1963	0106 90 00	-	(5)"
"*Pycnonotus jocosus* (Linnaeus, 1758)	0106 39 80	ex 0407 19 90 (bajd fertilizzat għall-inkubazzjoni)"	
"*Reynoutria japonica* Houtt.	0602 90 50	ex 1209 99 99 (żrieragħ)"	
"*Reynoutria sachalinensis* (F. Schmidt) Nakai	0602 90 50	ex 1209 99 99 (żrieragħ)"	

Speċijiet (i)	Kodiċijiet tan-NM għall-eżemplari ħajjin (ii)	Kodiċijiet tan-NM għall-partijiet li jistgħu jirriproduċu (iii)	Kategoriji ta' oġġetti assoċjati (iv)
"*Reynoutria* × *bohemica* Chrtek & Chrtková	0602 90 50	ex 1209 99 99 (żrieragħ)"	
"*Vespa mandarinia* Smith, 1852	0106 49 00	-	(8), (9), (10)"

(2) jiddaħħlu l-ispeċijiet li ġejjin f'ordni alfabetika fit-tabella:

Speċijiet (i)	Kodiċijiet tan-NM għall-eżemplari ħajjin (ii)	Kodiċijiet tan-NM għall-partijiet li jistgħu jirriproduċu (iii)	Kategoriji ta' oġġetti assoċjati (iv)
"*Castor canadensis* Kuhl, 1820	0106 19 00	-"	
"*Neogale vison* (Schreber, 1777)	0106 19 00	-"	

(3) "*Eichhornia crassipes* (Mart.) Solms" hija sostitwita bi "*Pontederia crassipes* Mart"

(4) "*Hakea sericea* Schrad. & J.C.Wendl." hija sostitwita b'"*Hakea sericea* Schrad. & J.C.Wendl. s.l."

(5) fir-ringiela ta' *Lampropeltis getula (Linnaeus, 1766)*, tiżdied in-nota tat-tabella "(16)" fil-kolonna (iv).

(6) "*Pennisetum setaceum* (Forssk.) Chiov." hija sostitwita b'"*Cenchrus setaceus* (Forssk.) Morrone (*Pennisetum setaceum* (Forssk.) Chiov.)"

(7) "*Tamias sibiricus* Laxmann, 1769' hija sostitwita b'"*Tamias sibiricus* Laxmann, 1769 (*Eutamias sibiricus* (Laxmann, 1769))"

(8) fin-noti tat-tabella għall-kolonna (iv), jiżdied il-punt li ġej:

"(16) *Lampropeltis getula* (Linnaeus, 1766) tirreferi għall-ispeċijiet jew is-sottospeċijiet li ġejjin: *L. getula getula* ("il-kingsnake komuni"); *L. californiae* ("il-kingsnake ta' California"); *L. nigra* ("il-kingsnake iswed tal-Lvant"); *L. splendida* ("il-kingsnake tad-deżert"); *L. californiae* ("il-kingsnake ta' California"); *L. floridana* ("il-kingsnake ta' Florida"); *L. nigrita* ("il-kingsnake Iswed tad-Deżert"); *L. meansi* ("il-kingsnake tal-Eastern Apalachicola Lowlands")."